II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Diċembru 2012

dwar l-ekwivalenzi bejn kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 9358)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/21/UE)

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan [1], u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2006/126/KE tipprovdi li l-liċenzji kollha tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri, għandhom ikunu rikonoxxuti b'mod reċiproku, inklużi dawk maħruġa qabel id-data tal-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku.

(2) Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan iġib miegħu r-rikonoxximent sħiħ tad-drittijiet kollha li jkunu ngħataw lil detentur ta' liċenzja skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ f'dak il-mument.

(3) Id-Direttiva 2006/126/KE tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ekwivalenzi bejn il-kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan maħruġin qabel l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u dawk definiti fl-Artikolu 4 tagħha. Dawn l-ekwivalenzi għandu jkun hemm qbil dwarhom mill-Kummissjoni f'forma li torbot legalment.

(4) It-tabelli tal-ekwivalenzi bejn il-kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/766/KE tal-25 ta' Awwissu 2008 dwar ekwivalenzi bejn kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan [2] għandhom jiġu aġġornati,

(5) Id-Deċiżjoni 2008/766/KE għandha, għalhekk, titħassar.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal-liċenzji tas-sewqan validi kollha maħruġin mill-Istati Membri u li jinsabu fiċ-ċirkolazzjoni.

Artikolu 2

It-tabelli tal-ekwivalenzi bejn kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan, li nħarġu fl-Istati Membri qabel l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/126/KE u l-kategoriji armonizzati ta' liċenzji tas-sewqan kif definiti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/126/KE huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

1. Il-kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan li nħarġu qabel l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/126/KE jintitolaw lid-detentur li jsuq vetturi tal-kategoriji korrispondenti kif deskritti fl-Anness mingħajr ma jibdel il-liċenzja tas-sewqan. Ċerti restrizzjonijiet jistgħu japplikaw u huma ddikjarati għall-intitolament rilevanti fl-Anness.

2. Mal-bdil ta' liċenzja tas-sewqan ma' mudell ta' liċenzja tas-sewqan tal-UE kif deskritt fl-Anness I għad-Direttiva 2006/126/KE, id-drittijiet ekwivalenti għandhom jingħataw kif deskritt fl-Anness.

[1] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18.

[2] ĠU L 270, 10.10.2008, p. 31.

3. Il-kodiċijiet li jindikaw ir-restrizzjoni tad-drittijiet korrispondenti huma kodiċijiet armonizzati tal-UE kif speċifikati fl-Anness I għad-Direttiva 2006/126/KE.

4. Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku kif iddikjarat fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2006/126/KE ma japplikax għall-kategoriji nazzjonali ta' liċenzji tas-sewqan.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-19 ta' Jannar 2013.

Id-Deċiżjoni 2008/766/KE hija mħassra b'effett mid-19 ta' Jannar 2013.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2012.

Għall-Kummissjoni

Siim KALLAS

Viċi President

ANNESS

MUDELLI MAĦRUĠIN FIL-BELĠJU

Mudell tal-Belġju 1 (B1)

Maħruġ fil-Belġju mill-1.1.1967 sal-31.12.1988

Deskrizzjoni: Il-mudell jidher f'waħda mil-lingwi li ġejjin: Olandiż, Franċiż u Ġermaniż. Jeżistu differenzi fir-rigward tal-kulur u l-istampar tal-mudell. Mudell tal-karta roża (105/222 mm) b'sitt paġni.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell B1	Kategoriji korrispondenti	Noti
A	AM, A1, A2, A	
B	AM, A1, A2, A, B, BE	
B*	AM, A1, A2, A, B, BE	1
C	A1, A2, A, B, BE, C1, C1E, C, CE	
D	A1, A2, A, B, BE, C1, C1E, C, CE, D1, D1E, D, DE	
AF	AM, A1, A2, A b'kodiċijiet tal-UE għal vetturi adattati	2
BF	B b'kodiċijiet tal-UE għal vetturi adattati	2

Informazzjoni addizzjonali:

1. B* għal vetturi tal-kategorija B użati bħala taxi, għall-kiri ta' karozzi, trasport tal-persunal, eċċ.

2. Sabiex wieħed ikun intitolat li jsuq vetturi tal-kategorija AF u/jew BF, kienet meħtieġa l-validazzjoni tal-kategorija A u/jew B, kif ukoll tal-kategorija F, kif ukoll l-indikazzjoni tan-numru tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni fuq il-liċenzja.

Mudell tal-Belġju 2 (B2)

Maħruġ fil-Belġju mill-1.1.1989 sat-30.9.1998

Deskrizzjoni: Il-mudell jidher f'waħda mil-lingwi li ġejjin: Olandiż, Franċiż u Ġermaniż. Jeżistu differenzi fir-rigward tal-kulur u l-istampar tal-mudell. Mudell tal-karta roża (106/222 mm) b'sitt paġni.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell B2	Kategoriji korrispondenti
(A3)	AM
A2	AM, A1, A2, A
A1	AM, A1, A2, A
B	AM, B
BE	AM, B, BE
C	AM, B, C1, C
CE	AM, B, BE, C1, C1E, C, CE
D	AM, B, D1, D
DE	AM, B, BE, D1, D1E, D, DE

Mudell tal-Belġju 3 (B3)

Maħruġ fil-Belġju mill-1.1.1998

Deskrizzjoni: Il-mudell jidher f'waħda mil-lingwi li ġejjin: Olandiż, Franċiż u Ġermaniż. Mudell tal-karta roża (106/222 mm) b'sitt paġni.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell B3	Kategoriji korrispondenti
(A3)	AM
(G)	—
(A<)	AM, A1, A2
A	AM, A1, A2, A
B	AM, B
BE	AM, B, BE
C1	AM, B, C1
C1E	AM, B, BE. C1, C1E
C	AM, B, C1, C
CE	AM, B, BE, C1, C1E, C, CE
D1	AM, B, D1
D1E	AM, B, BE, D1, D1E
D	AM, B, D1, D
DE	AM, B, BE, D1, D1E, D, DE

Mudell tal-Belġju 4 (B4)

Maħruġ fil-Belġju mill-01.07.2010

Deskrizzjoni: Il-mudell jidher f'waħda mil-lingwi li ġejjin: Olandiż, Franċiż u Ġermaniż. Mudell tal-kard roża tal-polikarbonat, immanifatturata skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness I tad-Direttiva 2006/126/KE.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell B4	Kategoriji korrispondenti
(A3)	AM
(G)	—
(A<)	AM, A1, A2
A	AM, A1, A2, A
B	AM, B
BE	AM, B, BE
C1	AM, B, C1
C1E	AM, B, BE. C1, C1E
C	AM, B, C1, C
CE	AM, B, BE, C1, C1E, C, CE
D1	AM, B, D1
D1E	AM, B, BE, D1, D1E
D	AM, B, D1, D
DE	AM, B, BE, D1, D1E, D, DE

MUDELLI MAĦRUĠIN FIL-BULGARIJA

Mudell tal-Bulgarija 1 (BG1)

Maħruġ fil-Bulgarija mill-01.01.2010 sad-19.01.2013

Deskrizzjoni: Skont id-Direttiva 2006/126/KE.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell BG1	Kategoriji korrispondenti
M	AM
A1	A1
—	A2
A	A
B1	B1

Kategoriji tal-mudell BG1	Kategoriji korrispondenti
B	B
BE	BE
C1	C1
C1E	C1E
C	C
CE	CE
D1	D1
D1E	D1E
D	D
DE	DE
Tr6	—
Ttm	—
Tkt	—

MUDELLI MAĦRUĠIN FIR-REPUBBLIKA ĊEKA

Mudell tar-Repubblika Ċeka 1 (CZ1)

Maħruġ fir-Repubblika Ċeka mill-1.1.2001 sat-30.4.2004

Deskrizzjoni: Materjal: Karta tal-karti tal-flus b'ħafna kuluri, magħluqa fil-plastik. Xbieha olografika tonda (bl-ittri "CZ" fin-nofs) fil-fuljetta tal-plastik tirkeb parti mir-ritratt fin-naħa t'isfel tax-xellug. Ritratt: 35 mm × 45 mm imwaħħal fl-ispazju tal-kwadru fuq in-naħa ta' quddiem b'timbru uffiċjali li jinkludi l-isem tal-awtorità tal-ħruġ u l-istemma araldika tal-istat.

Validità tal-liċenzja tas-sewqan: il-ħajja kollha. Dan il-mudell irid jinbidel sal-31 ta' Diċembru 2013.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell CZ1	Kategoriji korrispondenti
AM	AM
A1	A1
A (mill-età ta' 18 sena 'l fuq)	A2
A (mill-età ta' 21 sena 'l fuq)	A
B1	B1
B	B
BE	BE
C1	C1
C1E	C1E
C	C
CE	CE
D1	D1
D1E	D1E
D	D
DE	DE
T (kategorija nazzjonali tat-trakters agrikoli)	—

Mudell tar-Repubblika Ċeka 2 (CZ2)

Maħruġ fir-Repubblika Ċeka mill-1.5.2004

Deskrizzjoni: Materjal: Kard tal-plastik tal-polikarbonat tad-daqs ID1 – 54 × 86 mm (daqs ta' karta tal-kreditu) bil-kliem „ŘIDIČSKÝ PRŮKAZ" u l-isem tal-pajjiż „ČESKÁ REPUBLIKA" fin-naħa ta' fuq. Il-kliem „MODEL EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ" u „DRIVING LICENSE" fil-lingwi tal-UE jidher fuq in-naħa tal-lemin tal-kard. Il-marka distintiva tal-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja („CZ"), stampata fin-negattiv f'rettangolu ikħal u mdawwar b'ċirku ta' tnax-il stilla safra tidher fil-kantuniera ta' fuq tax-xellug tal-kard. Dejta personali inċiża bil-lejżer li tinkludi r-ritratt u l-firma tad-detentur. Ibbuzzar pożittiv ta' altoriljiev b'guilloches u l-ittri „CZ" fuq iż-żewġ naħat tal-kard. Il-lowgo bl-ittri „CZ" fil-kantuniera ta' fuq tal-lemin tan-naħa ta' quddiem b'linka ottikament varjabbli li taqleb bejn kulur id-deheb u l-kulur aħdar. Xbieha li tinbidel fil-kantuniera ta' taħt tal-lemin tan-naħa ta' quddiem turi r-ritratt tad-detentur u n-numru tal-liċenzja tas-sewqan (l-istess bħal fis-sezzjoni 5).

Validità tal-liċenzja tas-sewqan: 10 snin

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell CZ2	Kategoriji korrispondenti
A1	A1
A (mill-età ta' 18 sena 'l fuq)	A2
A (mill-età ta' 21 sena 'l fuq)	A
B1	B1
B	B
BE	BE
C1	C1
C1E	C1E
C	C
CE	CE
D1	D1
D1E	D1E
D	D
DE	DE
AM	AM
T (kategorija nazzjonali tat-trakters agrikoli)	—

MUDELLI MAĦRUĠIN FID-DANIMARKA

Mudell tad-Danimarka 1 (DK1)

Maħruġ fid-Danimarka sat-30.4.1986

Deskrizzjoni: Il-mudell huwa roża, b'erba' paġni.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell DK1	Kategoriji korrispondenti	*Noti*
A1	AM, A1, A2, A	1
A2	AM, A1, A2, A	1
B	AM, B1, B	2
BE	BE	
C	C1, C	
CE	C1E, CE	
D	D1, D	
DE	D1E, DE	

Informazzjoni addizzjonali:

1. Il-kategorija Daniża A1 hija mutur mingħajr kabina fil-ġenb u A2 hija mutur b'kabina fil-ġenb. Dawk il-kategoriji għalhekk ma jikkorrispondux mas-subkategoriji A1 u A2 kif definiti fid-Direttiva 2006/126/KE. L-intitolament ta' sewqan bil-kategorija Daniża A1 huwa ristrett għall-muturi mingħajr kabina fil-ġenb, u A2 huwa ristrett għall-muturi b'kabina fil-ġenb. Id-detenturi tal-kategorija Daniża A1 u/jew A2 huma intitolati li jiksbu AM, A1, A2, u A sħaħ fi Stati Membri oħra.

2. Id-detenturi tal-kategorija Daniżi B huma awtorizzati wkoll li jsuqu triċikli bil-mutur.

Dan il-mudell m'għadux aktar validu għal sewqan fid-Danimarka, minħabba li kien impost bdil obbligatorju tal-liċenzji kollha fis-snin mill-1991 sal-1993. Madankollu, il-liċenzja tista' tiġi mġedda permezz ta' liċenzja ġdida maħruġa mid-Danimarka u trid tiġi rikonoxxuta minn Stati Membri oħra sad-19.01.2033.

Mudell tad-Danimarka 2 (DK2)

Maħruġ fid-Danimarka mill-1.5.1986 sat-30.6.1996

Deskrizzjoni: il-mudell fih linji roża u beige, erba' paġni.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell DK2	Kategoriji korrispondenti	Noti
A1	AM, A1, A2, A	1
A2	AM, A1, A2, A	1
B	AM, B1, B	2
BE	BE	
C	C1, C	
CE	C1E, CE	
D	D1, D	
DE	D1E, DE	

Informazzjoni addizzjonali:

1. Il-kategorija Daniża A1 hija mutur mingħajr kabina fil-ġenb, u A2 hija mutur b'kabina fil-ġenb. Dawk il-kategoriji għalhekk ma jikkorrispondux mas-subkategoriji A1 u A2 kif definiti fid-Direttiva 2006/126/KE. L-intitolament ta' sewqan bil-kategorija Daniża A1 huwa ristrett għall-muturi mingħajr kabina fil-ġenb, u A2 huwa ristrett għall-muturi b'kabina fil-ġenb. Id-detenturi tal-kategorija Daniża A1 u/jew A2 huma intitolati li jiksbu AM, A1, A2, u A sħaħ fi Stati Membri oħra.

2. Id-detenturi tal-kategorija Daniżi B huma awtorizzati wkoll li jsuqu triċikli bil-mutur.

Mudell tad-Danimarka 3 (DK3)

Maħruġ fid-Danimarka mill-1.7.1996 sat-13.4.1997

Deskrizzjoni: Mudell b'linji roża u beige, erba' paġni.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell DK3	Kategoriji korrispondenti	Noti
A (mutur żgħir)	AM, A1,	1
A (mutur kbir)	AM, A1, A2, A	2
B	AM, B1, B	3
BE	BE	
C	C1, C	
CE	C1E, CE	
D	D1, D	
DE	D1E, DE	

Informazzjoni addizzjonali:

1. Id-detenturi tal-kategorija Daniża A (mutur żgħir) huma awtorizzati li jsuqu:

   a. Muturi b'żewġ roti mingħajr kabina fil-ġenb bi proporzjon ta' qawwa/piż (flimkien mal-ilma, żejt u karburant) li ma jaqbiżx 0,16 kW/kg u qawwa li ma taqbiżx 25 kW.

   b. Muturi b'żewġ roti u kabina fil-ġenb bi proporzjon ta' qawwa/piż (flimkien mal-ilma, żejt u karburant) li ma jaqbiżx 0,16 kW/kg.

   c. Triċikli bil-mutur.

   d. Vetturi msemmija taħt a., b. u c. bil-karru.

   e. Ċiklomutur kbir.

2. Id-detenturi tal-kategorija Daniża A (mutur kbir) huma awtorizzati li jsuqu:

   a. Vetturi kif imsemmija taħt (1).

b. Muturi b'żewġ roti mingħajr kabina fil-ġenb bi proporzjon ta' qawwa/piż (flimkien mal-ilma, żejt u karburant) li jaqbeż 0,16 kW/kg jew qawwa li taqbeż 25 kW.

c. Muturi b'żewġ roti u kabina fil-ġenb bi proporzjon ta' qawwa/piż (flimkien mal-ilma, żejt u karburant) li jaqbeż 0,16 kW/kg.

d. Vetturi msemmija taħt b. u c. bil-karru.

3. Id-detenturi tal-kategorija Daniżi B huma awtorizzati wkoll li jsuqu triċikli bil-mutur.

Mudell tad-Danimarka 4 (DK4)

Maħruġ fid-Danimarka mill-14.4.1997

Deskrizzjoni: Mudell ta' kard tal-plastik skont l-Anness Ia tad-Direttiva 91/439/KEE.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell DK4	Kategoriji korrispondenti	Noti
A (mutur żgħir)	AM, A1	1
A (mutur kbir)	AM, A1, A2, A	2
B	AM, B1, B	3
BE	BE	
C	C1, C	
CE	C1E, CE	
D	D1, D	
DE	D1E, DE	

Informazzjoni addizzjonali

1. Id-detenturi tal-kategorija Daniża A (mutur żgħir) huma awtorizzati li jsuqu:

a. Muturi b'żewġ roti mingħajr kabina fil-ġenb bi proporzjon ta' qawwa/piż (flimkien mal-ilma, żejt u karburant) li ma jaqbiżx 0,16 kW/kg u qawwa li ma taqbiżx 25 kW.

b. Muturi b'żewġ roti u kabina fil-ġenb bi proporzjon ta' qawwa/piż (flimkien mal-ilma, żejt u karburant) li ma jaqbiżx 0,16 kW/kg.

c. Triċikli bil-mutur.

d. Vetturi msemmija taħt a., b. u c. bil-karru.

e. Ċiklomutur kbir.

2. Id-detenturi tal-kategorija Daniża A (mutur kbir) huma awtorizzati li jsuqu:

a. Vetturi kif imsemmija taħt (1).

b. Muturi b'żewġ roti mingħajr kabina fil-ġenb bi proporzjon ta' qawwa/piż (flimkien mal-ilma, żejt u karburant) li jaqbeż 0,16 kW/kg jew qawwa li taqbeż 25 kW.

c. Muturi b'żewġ roti u kabina fil-ġenb bi proporzjon ta' qawwa/piż (flimkien mal-ilma, żejt u karburant) li jaqbeż 0,16 kW/kg.

d. Vetturi msemmija taħt b. u c. bil-karru.

3. Id-detenturi tal-kategorija Daniżi B huma awtorizzati wkoll li jsuqu triċikli bil-mutur.

Id-data tal-ewwel ħruġ tal-kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan li nħarġu qabel l-1.5.1986 mhix magħrufa. F'każijiet bħal dawn, is-simbolu '<' jew '≤' jista' jidher fil-kolonna 10 tal-liċenzja, akkumpanjat minn ċerta sena, li juri li l-kategorija nħarġet qabel jew f'dik is-sena.

Sad-19 ta' Jannar 2013, ir-regoli Daniżi għall-intitolament sabiex wieħed isuq ċiklomuturi żgħar huma kif ġej:

Kull wieħed minn dawn l-elementi li ġejjin jintitola lil persuna biex issuq ċiklomutur żgħir fid-Danimarka:

a) ċertifikat ta' ċiklomutur,

b) liċenzja tas-sewqan għas-sewqan ta' trakter, jew

c) li wieħed ikollu 18-il sena jew aktar.

MUDELLI MAĦRUĠIN FIL-ĠERMANJA

Mudell tal-Ġermanja 1 (D1)

Maħruġ fil-Ġermanja sal-1.4.1986 (f'każijiet partikolari d-data tal-ħruġ tista' tkun wara l-1.4.1986)

Deskrizzjoni: Griż, erba' paġni. Fil-prattika jista' jkun hemm varjetà ta' differenzi fir-rigward tal-kulur u l-forma tal-mudell, billi dan il-mudell inħareġ għal iżjed minn 40 sena. Il-mudelli maħruġin fil-*Land* ta' Saarland jista' jkollhom daqs differenti u huma bilingwi (Ġermaniż u Franċiż).

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell D1	Kategoriji korrispondenti	Noti
1	AM, A1, A2, A	1
1 beschränkt auf Leichtkrafträder: 1.4.1980 — 31.3.1986	AM, A1	7
2	AM, A1, A B, BE, C1, C1E, C, CE	2,3,5,8
3	AM, B, BE, C1, C1E	3,4,5,9
4	—	6
(5)	—	

Informazzjoni addizzjonali:

Jistgħu jirriżultaw intitolamenti oħra ta' natura speċifika u limitata ħafna, li ma jidhrux fit-tabelli. Fiċ-ċirkustanza rari li jseħħ każ bħal dan, iridu jiġu kkuntattjati l-awtoritajiet tal-ħruġ Ġermaniżi f'każ ta' dubju dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' intitolament partikolari.

1. Jekk liċenzja ta' «Klasse 1» tkun inkisbet qabel l-1.4.1954 (qabel l-1.10.1960 fil-*Land* ta' Saarland), id-detentur ikun intitolat ukoll li jsuq kategorija B 79 (≤ 700 cm^3), mingħajr ma jkollu jibdel il-liċenzja. F'każ ta' bdil ta' tali liċenzja, id-detentur jingħata liċenzja ta' kategorija B sħiħa.

2. Jekk id-detentur ta' intitolament għal «Klasse 2» ikun għalaq il-50 sena qabel il-31.12.1999, l-intitolament tiegħu ma jkunx baqa' validu fil-31.12.2000. F'każ li dan id-detentur ta' liċenzja jkun bidel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid fil-31.12.2000 jew qabel, il-perjodu ta' validità u l-perjodiċità tal-eżami mediku japplikaw għall-mudell il-ġdid. Jekk detentur jagħlaq il-50 sena wara l-31.12.1999, huwa jkollu jibdel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid malli jagħlaq il-50 sena, mhux aktar tard, u wara jkun japplika perjodu ta' validità ta' ħames snin.

   Fejn id-detentur ta' liċenzja bħal din jistabbilixxi r-residenza ordinarja tiegħu fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkun f'konformità mar-regoli msemmija hawn fuq, l-intitolament tiegħu għal «Klasse 2» m'għandux jiġi rikonoxxut (sakemm ma jkunx bidel ir-residenza ordinarja tiegħu qabel ma r-regoli msemmija hawn fuq ikunu japplikaw għalih).

3. Jekk liċenzja ta' «Klasse 2» jew ta' «Klasse 3» tkun inkisbet qabel l-1.12.1954 (qabel l-1.10.1960 fil-*Land* ta' Saarland), id-detentur ikun intitolat ukoll li jsuq il-kategoriji A1 u A 79 (≤ 250 cm^3). Fiż-żewġ każijiet, id-detentur jingħata intitolament mhux ristrett għal kategorija A f'każ li jibdel il-liċenzja.

   Jekk liċenzja ta' «Klasse 2» jew ta' «Klasse 3» kienet inkisbet wara d-dati msemmija hawn fuq iżda qabel l-1.4.1980, hija tintitola wkoll lid-detentur li jsuq il-kategorija A1.

4. Id-detentur ta' liċenzja ta' «Klasse 3» huwa intitolat ukoll li jsuq il-vettura li ġejja: CE 79 (C1E> 12 t, L≤ 3) (= mhux aktar minn total ta' tliet fusien).

   Dan l-intitolament għandu jidher fuq liċenzja ġdida li tinħareġ bi bdil, fuq talba espliċita tad-detentur.

5. Id-detentur ta' liċenzja ta' «Klasse 3» huwa intitolat li jsuq karozzi tal-linja mingħajr passiġġieri sa piż massimu ta' 7,5 t, anki fi traffiku internazzjonali. Id-detentur ta' liċenzja ta' «Klasse 2» huwa intitolat li jsuq karozzi tal-linja mingħajr passiġġieri fi traffiku internazzjonali. Wara bdil tal-mudelli fil-Ġermanja, id-dritt ta' sewqan ta' karozza tal-linja mingħajr passiġġieri jkun limitat għat-territorju Ġermaniż bl-applikazzjoni ta' kodiċi nazzjonali.

6. Fejn intitolament għal «Klasse 4» kien ingħata qabel l-1.12.1954 (qabel l-1.10.1960 fil-*Land* ta' Saarland), dan ma jkunx kategorija nazzjonali biss iżda jintitola lid-detentur li jsuq il-kategoriji li ġejjin: A1, A 79 (≤ 250 cm^3) u B 79 (≤ 700 cm^3). Fiż-żewġ każijiet, id-detentur jingħata intitolament mhux ristrett għall-kategorija A u B meta jibdel il-liċenzja.

   F'każ li tkun inħarġet liċenzja ta' «Klasse 4» wara d-dati msemmija hawn fuq, iżda qabel l-1.4.1980, din tintitola lid-detentur li jsuq il-kategorija A1.

7. Il-kategorija A1 hija valida wkoll għal muturi tal-kategorija A1 bi proporzjon ta' qawwa/piż ogħla minn 0,1 kW/kg (kodiċi ġdid 79.05)

8. A1 hija valida wkoll għal muturi A1 bi proporzjon ta' qawwa/piż 'il fuq minn 0,1 kW/kg (kodiċi ġdid 79.05). A hija ristretta għal triċikli (kodiċi ġdid 79.03) u triċikli kombinati ma' karru li jkollu massa massima awtorizzata li ma taqbiżx 750 kg (kodiċi ġdid 79.04). BE hija valida wkoll għal vetturi tal-kategorija BE fejn il-massa massima awtorizzata tal-karru taqbeż 3 500 kg (kodiċi ġdid 79.06)

9. A hija ristretta għal triċikli (kodiċi ġdid 79.03) u triċikli kombinati ma' karru li jkollu massa massima awtorizzata li ma taqbiżx 750 kg (kodiċi ġdid 79.04). BE hija valida wkoll għal vetturi tal-kategorija BE fejn il-massa massima awtorizzata tal-karru taqbeż 3 500 kg (kodiċi ġdid 79.06).

Mudell tal-Ġermanja 2 (D2)

Maħruġ fir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja sal-1969

Deskrizzjoni: Mudell griż b'erba' paġni.

Emenda statutorja, li daħlet fis-seħħ fl-1.4.1957, biddlet il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet tal-kategoriji. Għalhekk huma meħtieġa żewġ tabelli ta' ekwivalenza għal dan il-mudell.

D2a: *Mudell maħruġ sal-31.3.1957*

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell D2a	Kategoriji korrispondenti	Noti
1	AM, A1, A2, A, B	5,
2	AM, A1, A2, A, B, BE, C1, C1E, C, CE	1,3,4,6
3	AM, A1, A2, A, B, BE, C1, C1E, C, CE	2,3,4,6
4	AM, A1, A2, A, B	4,5

D2b: *Mudell maħruġ mill-1.4.1957 sal-1969.*

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell D2b	Kategoriji korrispondenti	Noti
1	AM, A1, A2, A	
2	AM, A1, B	4,5
3	AM, A1	7
4	AM, A1, B, BE, C1, C1E	2,3,4,6,
5	AM, A1, B, BE, C1, C1E, C, CE	1,3,4,6

Informazzjoni addizzjonali:

Jistgħu jirriżultaw intitolamenti oħra ta' natura speċifika u limitata ħafna, li ma jidhrux fit-tabelli. Fiċ-ċirkustanza rari li jseħħ każ bħal dan, iridu jiġu kkuntattjati l-awtoritajiet tal-ħruġ Ġermaniżi f'każ ta' dubju dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' intitolament partikolari.

1. Jekk id-detentur ta' intitolament għal 'Klasse 2' maħruġ qabel l-1.4.1957 jew ta' intitolament għal 'Klasse 5' maħruġ wara l-31.3.1957 ikun għalaq il-50 sena fil-31.12.1999 jew qabel, l-intitolament tiegħu ma jkunx baqa' validu fil-31.12.2000. F'każ li dan id-detentur ta' liċenzja jkun bidel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid fil-31.12.2000 jew qabel, il-perjodu ta' validità u l-perjodiċità tal-eżami mediku japplikaw għall-mudell il-ġdid. Jekk detentur jagħlaq il-50 sena wara l-31.12.1999, huwa jkollu jibdel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid malli jagħlaq il-50 sena, mhux aktar tard, u wara jkun japplika perjodu ta' validità ta' ħames snin.

   Fejn id-detentur ta' liċenzja bħal din jistabbilixxi r-residenza ordinarja tiegħu fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkun konformi mar-regoli ta' hawn fuq, l-intitolament tiegħu għal 'Klasse 2' m'għandux jiġi rikonoxxut (sakemm ma jkunx bidel ir-residenza ordinarja tiegħu qabel ma r-regoli msemmija hawn fuq ikunu japplikaw għalih).

2. Id-detentur ta' liċenzja ta' 'Klasse 3' maħruġa qabel l-1.4.1957 u ta' liċenzja ta' 'Klasse 4' maħruġa wara l-31.3.1957 huwa intitolat ukoll li jsuq il-vettura li ġejja: CE 79 (C1E> 12 t, L≤ 3) (= mhux aktar minn total ta' tliet fusien).

   Dan l-intitolament għandu jidher fuq liċenzja ġdida li tinħariġlu bi bdil, fuq talba espliċita biss tad-detentur.

3. Id-detentur ta' liċenzja ta' 'Klasse 3' maħruġa qabel l-1.4.1957 (D2a) jew ta' 'Klasse 4' maħruġa wara l-31.3.1957 (D2b), huwa intitolat li jsuq karozzi tal-linja mingħajr passiġġieri b'piż massimu ta' inqas minn 7,5 t, anki fi traffiku internazzjonali.

   Id-detentur ta' liċenzja ta' 'Klasse 2' maħruġa qabel l-1.4.1957 (D2a) jew ta' 'Klasse 5' maħruġa wara l-31.3.1957 (D2b), huwa intitolat li jsuq karozzi tal-linja mingħajr passiġġieri fi traffiku internazzjonali.

   Wara bdil tal-mudelli fil-Ġermanja, id-dritt ta' sewqan ta' karozza tal-linja mingħajr passiġġieri jkun limitat għat-territorju Ġermaniż bl-applikazzjoni ta' kodiċi nazzjonali.

4. Detentur ta' liċenzja ta' 'Klasse 2', 'Klasse 3' jew 'Klasse 4' tal-mudell D2a jew ta' liċenzja ta' 'Klasse 2', 'Klasse 4' jew 'Klasse 5' tal-mudell D2b, li tkun inħarġet qabel l-1.12.1954, ikun intitolat li jsuq kategorija A b'mod mhux ristrett biss wara bdil tal-liċenzja. Mingħajr il-bdil tal-liċenzja, il-mudell jintitola lid-detentur li jsuq A 79 (≤ 250 cm^3) biss.

5. Mingħajr il-bdil tad-dokument, japplika dan li ġej:

   Fejn liċenzja ta' 'Klasse 1' jew ta' 'Klasse 4' tkun inħarġet qabel l-1.12.1954, id-detentur ikun intitolat li jsuq B 79 (≤ 700 cm^3) biss. F'każ ta' ħruġ ta' 'Klasse 1' jew ta' 'Klasse 4' wara dik id-data u qabel l-1.4.1957, jew ta' liċenzja ta' 'Klasse 2' maħruġa wara l-31.3.1957, id-detentur ikun intitolat li jsuq B 79 (≤ 250 cm^3) biss.

   Fil-każ ta' bdil tad-dokument ma' liċenzja ġdida, id-detentur jingħata B sħiħa.

6. BE hija valida wkoll għal vetturi tal-kategorija BE fejn il-massa massima awtorizzata tal-karru taqbeż 3 500 kg (kodiċi ġdid 79.06).

7. A1 hija valida wkoll għal muturi A1 bi proporzjon ta' qawwa/piż 'il fuq minn 0,1 kW/kg (kodiċi ġdid 79.05).

Mudell tal-Ġermanja 3 (D3)

Maħruġ fir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja mill-1969 sal-31.5.1982

Deskrizzjoni: Ktieb ta' liċenzja bi 12-il paġna, qoxra griża.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell D3	Kategoriji korrispondenti	Noti
1	AM, A1, A2, A	
2	AM, B	*4,5,6*
3	AM	6
4	AM, B, BE, C1, C1E	2,3,4,6,7
5	AM, A1, A, B, BE, C, C1, C1E, CE	1,3,4,6,7,8
§ 6 StVZO, § 85 StVZO	—	6

Informazzjoni addizzjonali:

Jistgħu jirriżultaw intitolamenti oħra ta' natura speċifika u limitata ħafna, li ma jidhrux fit-tabelli. Fiċ-ċirkustanza rari li jseħħ każ bħal dan, iridu jiġu kkuntattjati l-awtoritajiet tal-ħruġ Ġermaniżi f'każ ta' dubju dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' intitolament partikolari.

1. Jekk id-detentur ta' intitolament għal 'Klasse 5' ikun għalaq il-50 sena qabel il-31.12.1999, l-intitolament tiegħu ma jkunx baqa' validu fil-31.12.2000. F'każ li dan id-detentur ta' liċenzja jkun bidel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid fil-31.12.2000 jew qabel, il-perjodu ta' validità u l-perjodiċità tal-eżami mediku japplikaw għall-mudell il-ġdid. Jekk detentur jagħlaq il-50 sena wara l-31.12.1999, huwa jkollu jibdel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid malli jagħlaq il-50 sena, mhux aktar tard, u wara jkun japplika perjodu ta' validità ta' ħames snin. Fejn id-detentur ta' liċenzja bħal din jistabbilixxi r-residenza ordinarja tiegħu fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkun konformi mar-regoli ta' hawn fuq, l-intitolament tiegħu għal 'Klasse 2' m'għandux jiġi rikonoxxut (sakemm ma jkunx bidel ir-residenza ordinarja tiegħu qabel ma r-regoli msemmija hawn fuq ikunu japplikaw għalih).

2. Id-detentur ta' liċenzja ta' 'Klasse 4' huwa intitolat ukoll li jsuq il-vettura li ġejja: CE 79 (C1E> 12 t, L≤ 3) (= mhux aktar minn total ta' tliet fusien).

   Dan l-intitolament għandu jidher fuq liċenzja ġdida, li tinħariġlu bi bdil biss fuq talba espliċita tad-detentur.

3. Id-detentur ta' liċenzja ta' 'Klasse 4' huwa intitolat li jsuq karozzi tal-linja mingħajr passiġġieri sa piż massimu ta' 7,5 t, anki fi traffiku internazzjonali. Id-detentur ta' vettura ta' 'Klasse 5' huwa intitolat isuq karozzi tal-linja vojta fi traffiku internazzjonali. Wara bdil tal-mudelli fil-Ġermanja, id-dritt ta' sewqan ta' karozza tal-linja mingħajr passiġġieri jkun limitat għat-territorju Ġermaniż bl-applikazzjoni ta' kodiċi nazzjonali.

4. Detentur ta' liċenzja ta' 'Klasse 2', '4' jew '5' li oriġinarjament tkun inħarġet qabel l-1.12.1954, ikun intitolat li jsuq kategorija A b'mod mhux ristrett biss wara bdil tal-liċenzja. Mingħajr il-bdil tal-liċenzja, il-mudell jintitola lid-detentur li jsuq A 79 (≤ 250 cm^3) biss.

5. Mingħajr il-bdil tad-dokument, japplika dan li ġej:

   Fejn liċenzja ta' 'Klasse 1' tkun inħarġet qabel l-1.12.1954, id-detentur ikun intitolat li jsuq B 79 (≤ 700 cm^3). Fejn 'Klasse 1' tkun inħarġet wara dik id-data u qabel l-1.4.1957, jew liċenzja ta' 'Klasse 2' tkun inħarġet wara l-1.4.1957, id-detentur ikun intitolat li jsuq B 79 (≤ 250 cm^3).

   Fejn id-dokument jinbidel ma' liċenzja ġdida, id-detentur jingħata B sħiħa.

6. Fejn detentur ta' 'Klasse 2', '3', '4' jew '5', jew skont § 6 StVZO jew § 85 StVZO, ikun kiseb il-liċenzja tiegħu qabel l-1.4.1980, huwa jkun intitolat ukoll li jsuq il-kategorija A1. F'dan il-każ, 'Klasse 3' ma tkunx biss kategorija nazzjonali.

7. BE hija valida wkoll għal vetturi tal-kategorija BE fejn il-massa massima awtorizzata tal-karru taqbeż 3 500 kg (kodiċi ġdid 79.06).

8. A1 u A huma ristretti għal triċikli (kodiċi ġdid 79.03).

Mudell tal-Ġermanja 4 (D4)

Maħruġ fir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja mill-1.6.1982 sat-2.10.1990

Deskrizzjoni: Mudell tal-karta roża jgħajjat (bright), b'erba' paġni.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell D4	Kategoriji korrispondenti	Noti
A	AM, A1, A2, A	4,
B	AM, A1, A, B, BE, C1, C1E	2,3,5,6,
C	AM, A1, A, B, BE, C1, C1E, C	1,3,5,6,

Kategoriji tal-mudell D4	Kategoriji korrispondenti	Noti
D	AM, A1, A, B, BE, C1, C1E, D	1,5,6,
BE	AM, A1, A, B, BE, C1, C1E	2,5,6,
CE	AM, A1, A, B, BE, C1, C1E, C, CE)	1,5,6,
DE	AM, A1, A, B, BE, C1, C1E, D, DE	1,5,6,

Informazzjoni addizzjonali:

Jistgħu jirriżultaw intitolamenti oħra ta' natura speċifika u limitata ħafna, li ma jidhrux fit-tabelli. Fiċ-ċirkustanza rari li jseħħ każ bħal dan, iridu jiġu kkuntattjati l-awtoritajiet tal-Ħruġ Ġermaniżi f'każ ta' dubju dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' intitolament partikolari.

1. Jekk id-detentur ta' intitolament għal 'Klasse C', 'CE', 'D' u 'DE' ikun għalaq il-50 sena qabel il-31.12.1999, l-intitolament tiegħu ma jkunx baqa' validu fil-31.12.2000. F'każ li dan id-detentur ta' liċenzja jkun bidel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid fil-31.12.2000 jew qabel, il-perjodu ta' validità u l-perjodiċità tal-eżami mediku japplikaw għall-mudell il-ġdid. Jekk detentur jagħlaq il-50 sena wara l-31.12.1999, huwa jkollu jibdel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid malli jagħlaq il-50 sena, mhux aktar tard, u wara jkun japplika perjodu ta' validità ta' ħames snin.

   Fejn id-detentur ta' liċenzja bħal din jistabbilixxi r-residenza ordinarja tiegħu fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkun f'konformità mar-regoli msemmija hawn fuq, l-intitolament tiegħu għal 'Klasse C' m'għandux jiġi rikonoxxut (sakemm ma jkunx bidel ir-residenza ordinarja tiegħu qabel ma r-regoli msemmija hawn fuq ikunu japplikaw għalih).

2. Id-detentur ta' liċenzja ta' 'Klasse B' u 'BE' huwa intitolat ukoll li jsuq il-vettura li ġejja: CE 79 (C1E> 12 t, L≤ 3) (= mhux aktar minn total ta' tliet fusien).

   Dan l-intitolament għandu jidher fuq liċenzja ġdida, li tinħariġlu bi bdil biss fuq talba espliċita tad-detentur.

3. Id-detentur ta' liċenzja ta' 'Klasse B' u 'BE' huwa intitolat li jsuq karozzi tal-linja mingħajr passiġġieri sa piż massimu ta' 7,5 t, anki fi traffiku internazzjonali.

   Id-detentur ta' liċenzja tal-'Klasse C' huwa intitolat li jsuq karozzi tal-linja mingħajr passiġġieri fi traffiku internazzjonali. Wara bdil tal-mudelli fil-Ġermanja, id-dritt ta' sewqan ta' karozza tal-linja jkun limitat għat-territorju Ġermaniż bl-applikazzjoni ta' kodiċi nazzjonali.

4. Il-kategorija A1 hija valida wkoll għal muturi tal-kategorija A1 bi proporzjon ta' qawwa/piż ogħla minn 0,1 kW/kg (kodiċi ġdid 79.05).

5. A1 u A huma ristretti għal triċikli (kodiċi ġdid 79.03).

6. BE hija valida wkoll għal vetturi tal-kategorija BE fejn il-massa massima awtorizzata tal-karru taqbeż 3 500 kg (kodiċi ġdid 79.06).

Mudell tal-Ġermanja 5 (D5)

Maħruġ fil-Ġermanja mill-1.4.1986 sal-31.12.1998

Deskrizzjoni: Mudell tal-karta roża b'sitt paġni.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell D5	Kategoriji korrispondenti	Noti
1	AM, A1, A2, A	2,7
1a	AM, A1, A2, A	7,
1b	AM, A1	7
2	AM, A1, A, B, BE, C1, C1E, C, CE	1,3,5,8,9
3	AM, A1, A, B, BE, C1, C1E, C, CE	3,4,5,8,9
(4)	AM	6
(5)	AM	

Informazzjoni addizzjonali:

Jistgħu jirriżultaw intitolamenti oħra ta' natura speċifika u limitata ħafna, li ma jidhrux fit-tabelli. Fiċ-ċirkustanza rari li jseħħ każ bħal dan, iridu jiġu kkuntattjati l-awtoritajiet tal-ħruġ Ġermaniżi f'każ ta' dubju dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' intitolament partikolari.

1. Fejn id-detentur ta' intitolament għal «Klasse 2» ikun għalaq il-50 sena qabel il-31.12.1999, l-intitolament tiegħu ma jkunx baqa' validu fil-31.12.2000. F'każ li dan id-detentur ta' liċenzja jkun bidel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid fil-31.12.2000 jew qabel, il-perjodu ta' validità u l-perjodiċità tal-eżami mediku japplikaw għall-mudell il-ġdid. Jekk detentur jagħlaq il-50 sena wara l-31.12.1999, huwa jkollu jibdel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid malli jagħlaq il-50 sena, mhux aktar tard, u wara jkun japplika perjodu ta' validità ta' ħames snin.

   Fejn id-detentur ta' liċenzja bħal din jistabbilixxi r-residenza ordinarja tiegħu fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkun f'konformità mar-regoli msemmija hawn fuq, l-intitolament tiegħu għal «Klasse 2» m'għandux jiġi rikonoxxut (sakemm ma jkunx bidel ir-residenza ordinarja tiegħu qabel ma r-regoli msemmija hawn fuq ikunu japplikaw għalih).

2. Fejn liċenzja ta' «Klasse 1» tal-mudell D1 tkun inkisbet qabel l-1.4.1954 (qabel l-1.10.1960 fil-*Land* ta' Saarland), id-detentur ikun intitolat ukoll li jsuq il-kategorija B 79 (≤ 700 cm^3), mingħajr ma jkollu jibdel il-liċenzja. Mal-bdil ta' liċenzja bħal din, id-detentur jingħata liċenzja ta' kategorija B sħiħa.

   Dan ta' hawn fuq japplika għall-mudell D5 biss jekk D1 ikun inħareġ lill-istess detentur qabel id-dati rilevanti u wara nbidel ma' mudell D5.

3. F'każ li liċenzja ta' «Klasse 2» jew ta' «Klasse 3» tal-mudell D1 tkun inkisbet qabel l-1.12.1954 (qabel l-1.10.1960 fil-*Land* ta' Saarland), id-detentur ikun intitolat ukoll li jsuq il-kategoriji A1 u A 79 (≤ 250 cm^3). Fiż-żewġ każijiet id-detentur jingħata intitolament mhux ristrett għal kategorija A meta jibdel il-liċenzja. Jekk liċenzja ta' «Klasse 2» jew ta' «Klasse 3» tkun inkisbet wara d-dati msemmija hawn fuq iżda qabel l-1.4.1980, hija tintitola wkoll lid-detentur li jsuq il-kategorija A1.

   Dan ta' hawn fuq japplika għall-mudell D5 biss jekk D1 ikun inħareġ lill-istess detentur qabel id-dati rilevanti u wara nbidel ma' mudell D5.

4. Id-detentur ta' liċenzja ta' «Klasse 3» huwa intitolat ukoll li jsuq il-vettura li ġejja: CE 79 (C1E> 12 t, L≤ 3) (= mhux aktar minn total ta' tliet fusien). Dan l-intitolament għandu jidher fuq liċenzja ġdida, li tinħariġlu bi bdil biss fuq talba espliċita tad-detentur.

5. Id-detentur ta' liċenzja ta' «Klasse 3» huwa intitolat li jsuq karozzi tal-linja mingħajr passiġġieri sa piż massimu ta' 7,5 t, anki fi traffiku internazzjonali. Id-detentur ta' liċenzja tas-sewqan ta' «Klasse 2» huwa intitolat li jsuq karozzi tal-linja mingħajr passiġġieri fi traffiku internazzjonali. Wara bdil tal-mudelli fil-Ġermanja, id-dritt ta' sewqan ta' karozza tal-linja mingħajr passiġġieri jkun limitat għat-territorju Ġermaniż bl-applikazzjoni ta' kodiċi nazzjonali.

6. Fejn intitolament għal «Klasse 4» tal-mudell D1 ikun ingħata qabel l-1.12.1954 (qabel l-1.10.1960 fil-*Land* ta' Saarland), dan ma jkunx biss kategorija nazzjonali iżda jintitola wkoll lid-detentur li jsuq il-kategoriji li ġejjin: A1, A 79 (≤ 250 cm^3) u B 79 (≤ 700 cm^3). Fiż-żewġ każijiet, id-detentur jingħata intitolament mhux ristrett għal kategorija A u B meta jibdel il-liċenzja. Fejn liċenzja ta' «Klasse 4» tkun inħarġet qabel id-dati msemmija hawn fuq, iżda qabel l-1.4.1980, hija tintitola għal sewqan ta' A1.

   Dan ta' hawn fuq japplika għall-mudell D5 biss jekk D1 ikun inħareġ lill-istess detentur qabel id-dati rilevanti u wara nbidel ma' mudell D5.

7. A1 hija valida wkoll għal muturi tal-kategorija A1 bi proporzjon ta' qawwa/piż 'il fuq minn 0,1 kW/kg (kodiċi ġdid 79.05).

8. A1 u A hija ristretta għal triċikli (kodiċi ġdid 79.03) u għal triċikli kombinati ma' karru li jkollu massa massima awtorizzata li ma taqbiżx 750 kg (kodiċi ġdid 79.04).

9. BE hija valida wkoll għal vetturi tal-kategorija BE fejn il-massa massima awtorizzata tal-karru taqbeż 3 500 kg (kodiċi ġdid 79.06).

Mudell tal-Ġermanja 6 (D6)

Maħruġ fil-Ġermanja mill-1.1.1999 sat-18.1.2013

Deskrizzjoni: Mudell ta' kard tal-plastik skont l-Anness 1a tad-Direttiva 91/439/KEE.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell D6	Kategoriji korrispondenti	Noti
A1	AM, A1	1
A (beschränkt)	AM, A1, A2	
A	AM, A1, A2, A	
B	AM, A1, A, B	2
BE	AM, A1, A, B, BE,	2,3
C1	AM, A1, A, B, C1	2,3
C1E	AM, A1, A, B,, BE, C1, C1E	2,3
C	AM, A1, A, B, C1, C	2,3
CE	AM, A1, A, B, BE, C1, C1E, C, CE	2,3
D1	AM, A1, A, B, D1	2,3
D1E	AM, A1, A, B, BE, D1, D1E	2,3
D	AM, A1, A, B, D1, D	2,3
DE	AM, A1, A, B, BE, D1, D1E, D, DE	2,3
M	AM	
S	AM	

Informazzjoni addizzjonali:

1. A1 hija valida wkoll għal mutur tal-kategorija A1 bi proporzjon ta' qawwa/piż ogħla minn 0,1 kW/kg (kodiċi ġdid 79.05).

2. A1 u A huma ristretti għal triċikli (kodiċi ġdid 79.03) u għal triċikli kombinati ma' karru li jkollu massa massima awtorizzata li ma taqbiżx 750 kg (kodiċi ġdid 79.04).

3. BE hija valida wkoll għal vetturi tal-kategorija BE fejn il-massa massima awtorizzata tal-karru taqbeż 3 500 kg (kodiċi ġdid 79.06).

MUDELLI MAĦRUĠIN FL-ESTONJA

Mudell tal-Estonja 1 (EST1)

Maħruġ fl-Estonja mill-1.11.1999 sat-30.9.2004

Deskrizzjoni: Il-kulur tal-liċenzja tas-sewqan huwa roża u hija magħmula minn karta sintetika speċjali msejħa (TESLIN, ISO 9002; 1994), miksija kompletament bil-plastik tas-sigurtà. Il-karta għandha disinn ta' xibka tas-sigurtà; il-qoxra tal-plastik għandha l-ittri "EST" ibbuzzati fuq wara b'sitt linji mmewġa. Id-dejta hija stampata, ir-ritratt huwa stampat.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell EST 1	Kategoriji korrispondenti	Noti
—	AM	
A1	A1	
A	A2	1
A	A	
B1	B1	
B	B	
BE	BE	
C1	C1	
C1E	C1E	
C	C	
CE	CE	
D1	D1	
D1E	D1E	

Kategoriji tal-mudell EST 1	Kategoriji korrispondenti	Noti
D	D	
DE	DE	
(R)	—	
(T)	—	

1 Il-qawwa massima għall-kategorija A m'għandhiex taqbeż 25 kW jew 0,16 kW/kg.

Informazzjoni addizzjonali:

Restrizzjoni(jiet), fil-formola tal-kodiċijiet:

1 – Meħtieġa nuċċalijiet jew lentijiet ta' kuntatt;

2 – Meħtieġa għajnuna għas-smigħ;

3 – Valida għal vetturi mħaddma bl-idejn;

4 – Il-qawwa massima għall-kategorija A m'għandhiex taqbeż 25 kW jew 0,16 kW/kg;

5 – Gearbox awtomatika.

Il-kelma 'ESMANE' fin-nofs fin-naħa ta' isfel tal-faċċata ta' quddiem tindika li d-detentur tal-liċenzja jkun sewwieq għadu jibda; il-validità ta' liċenzja bħal din hija limitata għal sentejn.

Mudell tal-Estonja 2 (EST2)

Maħruġ fl-Estonja mill-1.10.2004 sas-07.09.2008

Deskrizzjoni: Mudell ta' kard tal-plastik skont l-Anness Ia tad-Direttiva 91/439/KEE.

Il-materjal tal-liċenzja huwa plastik u għandha disinn roża fl-isfond li huwa uniku u li huwa komuni biss għal-liċenzja tas-sewqan Estonjana. Intużat inċiżjoni bil-lejżer biex tippersonifika d-dejta trasferita fuq il-liċenzja tas-sewqan (inkluż ir-ritratt diġitali u l-firma tad-detentur).

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell EST 2	Kategoriji korrispondenti	Noti
—	AM	
A1	A1	1
A	A2	
A	A	
B1	B1	
B	B	
BE	BE	
C1	C1	
C1E	C1E	
C	C	
CE	CE	
D1	D1	
D1E	D1E	
D	D	
DE	DE	
(R)	—	
(T)	—	

1 Il-qawwa massima għall-kategorija A m'għandhiex taqbeż 25 kW jew 0,16 kW/kg;

Informazzjoni addizzjonali:

Restrizzjoni(jiet), fil-formola tal-kodiċijiet:

101 – Liċenzja tas-sewqan provviżorja. Is-sewwieqa li għadhom jibdew huma obbligati li jpoġġu stampa ta' werqa tal-aġġru ħadra fuq it-tieqa tal-karozza (quddiem u wara) meta jkollhom liċenzji tas-sewqan provviżorji (sentejn). Il-limitu massimu tal-veloċità huwa 90 km/h.

102 – Dawn il-kategoriji huma permessi li jsuqu biss matul il-perjodu li s-suldat bil-lieva jkun fil-Forzi tad-Difiża.

103 – Kategorija D - Sewwieq ikun awtorizzat li jsuq biss trolleybus.

105 – Mutur b'qawwa li ma taqbiżx 25 kW jew qawwa effettiva tal-magna li ma taqbiżx 0,16 kW/kg.

106 – Kategorija D – ristretta għal rotot ta' 50 km.

Mudell tal-Estonja 3 (EST3)

Maħruġ fl-Estonja mit-08.09.2008

Deskrizzjoni: L-istess bħal-liċenzja tal-mudell 2; żdiedu biss il-kelmiet "Driving Licence" u "Permis de conduire" fuq il-paġna ta' quddiem qrib il-kelma "JUHILUBA".

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell EST 3	Kategoriji korrispondenti	Noti
AM	AM	
A1	A1	
A	A2	1
A	A	
B1	B1	
B	B	
BE	BE	
C1	C1	
C1E	C1E	
C	C	
CE	CE	
D1	D1	
D1E	D1E	
D	D	
DE	DE	
(R)	—	
(T)	—	

MUDELLI MAĦRUĠIN FIL-GREĊJA

Mudell tal-Greċja 1 (GR1a)

Maħruġ fil-Greċja sal-11.1.1987

Deskrizzjoni: Blu u isfar b'karattri suwed.

Din il-liċenzja tikkonsisti minn tnax-il paġna u tirrigwarda l-kategoriji Β, Γ, Δ, Ε.

Mudell tal-Greċja 1 (GR1b)

Maħruġ fil-Greċja sal-11.1.1987

Deskrizzjoni: Roża u isfar b'karattri suwed.

Din il-liċenzja tikkonsisti minn tmien paġni u tirrigwarda biss il-kategorija A.

Sat-30.1.1985, il-liċenzji tas-sewqan ta' kwalunkwe kategorija (B, Γ, Δ, E) kienu jinkludu d-dritt li tinstaq vettura tal-kategorija AM ukoll. Minn dak iż-żmien sal-lum, il-kategorija AM hija pprovduta biss mill-Istazzjonijiet tal-Pulizija tat-Traffiku Griegi fuq liċenzja tas-sewqan separata.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell GR1a u GR1b	Kategoriji korrispondenti	Noti
A (għaċ-ċiklomuturi)	AM	
A	A1, A2, A	
B	B1, B	
BE	BE	1
Γ	C1, C	
Γ E	C1E, CE	1
Δ	D1, D	
Δ E	D1E, DE	1

Informazzjoni addizzjonali:

Għalkemm il-punt "4b" jindika li dawn il-mudelli speċifiċi għandhom ċertu perjodu ta' validità, dan il-perjodu ġie estiż sal-età ta' 65 sena, skont id-Digriet 255/1984.

(1) kategorija E kienet kategorija separata, iżda kienet meqjusa valida biss meta tkun ikkombinata ma' kategorija oħra.

Mudell tal-Greċja 2 (GR2)

Maħruġ fil-Greċja mit-12.1.1987 sal-31.3.1997

Deskrizzjoni: Roża b'karattri suwed. Din il-liċenzja tikkonsisti minn sitt paġni.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell GR2	Kategoriji korrispondenti	Noti
A	AM, A1, A2, A	
B	B1, B	
BE	BE	1
Γ/C	C1, C	
Γ/C E	C1E, CE	1
Δ/D	D1, D	
Δ/D E	D1E, DE	1

Informazzjoni addizzjonali:

1 Kategorija E kienet kategorija separata, iżda kienet ikkunsidrata valida biss meta tkun ikkombinata ma' kategorija oħra ("B" jew "Γ" jew "Δ").

Mudell tal-Greċja 3 (GR3)

Maħruġ fil-Greċja mill-01.04.1997 sat-30.04.2001

Deskrizzjoni: Roża b'karattri suwed.

Din il-liċenzja tikkonsisti minn sitt paġni.

Tabella tal-ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell GR3	Kategoriji korrispondenti
A/A1, A/A	AM
A/A1	A1
A/A	A2, A

Kategoriji tal-mudell GR3	Kategoriji korrispondenti
B/B1	B1
B/B	B
BE	BE
Γ/C	C1 C
ΓΕ/CE	C1E, CE
Δ/D	D1, D
ΔΕ/DE	D1E, DE

Mudell tal-Greċja 4 (GR4)

Maħruġ fil-Greċja mill-01.05.2001 sat-18.01.2009

Deskrizzjoni: Roża b'karattri suwed.

